MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1564/2001/1

**Raymond Aquilina**

**vs**

**Stephen Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Novembru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta'' elf u hames mitt lira Maltin )Lm1,500.00) rapprezentanti danni konsistenti f'telf ta' xoghol sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' ncident li nqala' bejn il-partijiet fejn il-konvenut ikkaguna feriti lill-attur.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
It-talba tal-attur ghall-hlas ta’ Lm1,500.00 ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li l-feriti allegatament sofferti minnu gew ikkagunati minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ma sofra ebda danni konsistenti f’telf ta’ flus.
Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat u eccessiv u f’kull kaz jinhtieg li tingieb il-prova tal-ammont pretiz fit-tieni talba attrici.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Martin Bartolo, Victor Cuschieri, Dr. Anthony Pisani, Manuel Gatt, tal-konvenut, ta’ Alfred Zammit u ta’ Antoine Aguis. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati miz-zewg partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li sehh fis-17 ta’ Ottubru 2001 bejn l-attur ul-konvenut fil-Bus Terminus, il-Belt. Iz-zewg partijiet it-tnejn huma xufiera tal-linja u fid-data msemmija nqala’ argument bejnithom bhala konsegwenza tal-liema l-attur sofra feriti f’ghonqu li ma ppermettewlux li jahdem ghal certu zmien.

**Il-Kwistjoni ta’ Respponsabilita’.**

It-Tribunal jidhirlu li l-attur irnexxielu jipprova li l-konvenut ikkagunalu griehi f’ghonqu fl-okkazzjoni msemmija aktar il-fuq. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur fil-fatt giet korroborata minn Martin Bartolo li ra l-incident isehh u ra lill-konvenut jaghti daqqiet lill-attur li mbaghad waqa’ mal-art. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-vjolenza fizika kienet biss da parti tal-konvenut.

**Danni**

L-attur xehed li huwa kellu jieqaf mix-xoghol ghal erbghin (40) gurnata u li f'dan il-perijiodu ix-xarabank tieghu kien garaxxjat u huwa ghalhekk inkorra multi inflitti mill-Awtorita' tat-Trasport minhabba li ma kienx qed jaghmel il-vjaggi assenjati lilu. Fid-deposizzjoni moghtija fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2002 l-attur spjega li huwa tilef Lm2,000.00 qliegh f'dan il-perijodu ta' erbghin gurnata u jekk wiehed inaqqas is-somma ta' Lm500.00 li huwa kien ikollu jonfoq ghad-diesel, jirrizulta li huwa kien tilef Lm1,500.00.

In kwantu jirrigwarda l-perijodu ta' granet li l-attur jallega li huwa ma setghax jahdem, Dr. Pisani it-tabib kuranti tal-attur ikkonferma li huwa rrilaxxja l-ahhar 'open certificate' lill-attur fis-7 ta' Novembru 2003 u li huwa ta parir lill-attur sabiex ma jirritornax lura ghax-xoghol qabel ma jhossu tajjeb. L-attur jghid li huwa prova jidhol lura ghax-xoghol f'xi zewg okkazzjonijiet qabel l-ahhar ta' Novembru 2001 izda huwa kien ghadu migugh.. Manwel Gatt , rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport xehed li fis-7 ta'' Novembru 2001 kiwnu sarulu rapporti minn diversi passiggieri li kienu fuq ix-xarabank misjuq mill-attur fuq ir-rotta 638 li dan tal-ahhar ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Gatt xehed li huwa kien baghat ghall-attur u tah struzzjonijiet sabiex ma jirritornax lura ghax-xoghol qabel ma jinhariglu certifikat mediku li jindika li huwa f'posizzjoni li jerga' jibda jahdem minghajr problemi. L-attur fil-fatt irritorna lura ghax-xoghol b'mod definittiv fis-26 ta'' Novembru 2001.

Antoine Aguis, inspector impjegat mill-Awtorita' tat-Trasport, xehed li fid-29 ta' Otttubru 2001 huwa kien ra lill-attur ghaddej isuq il-vannn privat tieghu f'San Giljan. Din ix-xhieda ma giet kontradetta bl-ebda mod mill-attur u t-Tribunal jidhirlu li l-attur kien qed jonqos mill-obbligu tieghu li jimminimizza d-danni fis-sens li jekk huwa kellu parir mediku sabiec ma jsuqx minghand it-tabib kuranti teighu huwa qatt ma messu hareg isuq bil-karozza privata tieghu ghaliex b'hekk kien qed jipregudika sahhtu u konsegwentement itawwal il-perijodu li huwa kellu bzonn sabiex jirkupra kompletament u jkun jista' jerga' jirritorna ghax-xoghol minghajr problemi,

It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li l-ammont pretiz mill-attur bhala telf ta’ qliegh huwa eccessiv. Mill-payment report datat 14 ta’ Ottubru 2001 fil-fatt jirrizulta li fl-ewwel disa’ xhur tas-sena 2001 l-attur ippercepixxa paga totali ta’ Lm7484.88. u cioe’ medja ta’ Lm831.00 fix-xahar. L-attur in kontro-ezami sosnta li huwa tilef ukoll qliegh minn flus li kien ihallsu certu Alfred Falzon talli kien isuqlu x-xarabank tieghu izda huwa ma ressaqx provi soddisacenti fir-rigward, hlief li qabad u esebixxa payment report li jsejjah lil dan Falzon. Dan il-fatt biss bl-ebda mod ma jipprova li l-attur kien qed isuq ix-xarabank ta’ Falzon jew li huwa tilef dan ix-xoghol tul il-perijodu li dam wieqaf mix-xoghol.

Inoltre t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur naqas mill-obbligu tieghu li jimminimizza d-danni fil-mument li huwa rrifjuta l-offerta ta’’ missier l-attur li dan tal-ahhar isuqlu x-xarabank tul il-perijodu li huwa jdum wieqaf. Ir-raguni moghtija mill-attur il-ghala huwa rrifjuta din l-offerta m’hijiex accettabbli ghaliex ir-rappreentant tal-Awtorita’ tat-Trasport,, Manwel Gatt, ikkonferma dak allegat mill-konvenut fis-sens li huwa possibbli li sewwieq ta’ xarabank jirrnaga mal-assikurazzjoni tieghu sabiex ix-xarabank tinstaq minn sewwieq iehor ghall certu zmien u li xorta tibqa’ koperta bil-polza ta’ assikurazzjoni.. Li kieku l-attur accettaa l-offerta ta’ misssier il-konvenut kienu jigu evitati l-multi nkorsi mill-attur u inflitti mill-Awtorita’ tat-Trasport peress li huwa ma kienx ghamel il-vjaggi assenjati lilu tul il-perijodu li dam imwegga’.

In vista ta’ dan kollu li ghadu kemm inghad it-Tribunal ser jillikwida arbitrio boni viri id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tas-17 ta’ Ottubru 2001 fl-ammont ta’ Lm700.00.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi ghar-ragunijiet premessi jilqa’ t-tallbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ Lm700.00 u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm700.00.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------